

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2019 – Scandlines Danmark and Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-566/19)**

(2019/C 348/17)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Scandlines Danmark ApS (Kopenhagen, id-Danimarka), Scandlines Deutschland GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: L. Sandberg-Mørch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2019 li tiċħad parzjalment it-talba tar-rikorrenti għall-proroga tat-terminu – sal-5 ta' Settembru 2019 jew sal-aħħar tax-xahar ta' Awwissu 2019 – sabiex isiru osservazzjonijiet fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-każ SA. 39078 (2019/C) (ex 2014/N) – Finanzjament tal-konnessjoni fissa tal-Fehmarn Belt;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni tal-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-proroga tat-terminu inkwistjoni, sal-5 ta' Settembru 2019 jew sal-31 ta' Awwissu 2019, ġiet miċħuda, peress li din id-deċiżjoni ma tinkludi ebda motivazzjoni jew, fi kwalunkwe każ, tinkludi motivazzjoni insuffiċjenti, insostenn ta' din iċ-ċaħda.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur mill-Kummissjoni, tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2015/1589 ⁽¹⁾ u, għaldaqstant, tad-dritt tar-rikorrenti, fil-kwalità tagħhom ta' partijiet interessati, li jipparteċipaw effettivament għall-proċedura ta' investigazzjoni formali relatata mal-każ fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat SA.39078, filwaqt li t-talba tagħha kienet debitament iġġustifikata, fondata u proporzjonata.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistablixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2019 –Victoria's Secret Stores Brand Management vs EUIPO – Lacoste (LOVE PINK)**(Kawża T-582/19)**

(2019/C 348/18)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Victoria's Secret Stores Brand Management, Inc. (Reynoldsburg, Ohio, l-Istati Uniti) (rappreżentant: J. Dickerson, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Lacoste SA (Pariġi, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea LOVE PINK – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 853 389.

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni.

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Mejju 2019 fil-Każ R 1078/2018-1.

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata, b'mod partikolari sa fejn din tirrigwarda l-motiv ta' appożizzjoni bbażat fuq l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Dwar it-Trade Mark tal-Unjoni Ewropea;
- tawtorizza r-reġistrazzjoni tal-Aplikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 11 853 389;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Awwissu 2019 – Electrolux Home Products vs EUIPO – D. Consult (FRIGIDAIRE)

(Kawża T-583/19)

(2019/C 348/19)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Electrolux Home Products, Inc. (Charlotte, North Carolina, l-Istati Uniti) (rappreżentant: P. Brownlow, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: D. Consult (Wattignies, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "FRIGIDAIRE" – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 71 241